**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 268/2006 AGV**

**AB (ID nru: 358763M)**
**Vs**
**CB u b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2007 gie korrett ghal CBD (ID nru: 121968M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** tat- 23 ta' Frar 2007, fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja ta' Fatima gewwa G' Mangia, nhar is- 6 ta' Mejju 1990 ( Dok A), u minn iz-zwieg kellhom zewgt itfal E u F ahwa B , twieldu fid- 29 ta' Jannar 1994 u fid- 9 ta' Novembru 1995 rispettivament ( hawn annessi certifikat tat-twelid Dok. B u Dok. C).

2. Illi l-esponenti jirreleva illi ghall-habta ta' Settembru 2005 huwa beda jhoss li kien hemm ammont ta' tensjoni fid-dar matrimonjali, u biddlet l-attegjament ta' martu fil-konfront tieghu u ta' uliedu u fil-bidu ta' Marzu 2006 huwa kkonferma s-suspetti tieghu meta martu, infurmatu illi hija ddecediet illi tallontana ruhha mid-dar matrimonjali ghax ma setghetx tibqa' tghix fid-dar pero', ma tatx raguni ghal din id-decizjoni;

3. Illi gara illi ftit wara li l-konvenuta telqet mid-dar l-attur ikkonferma illi martu kellha relazzjoni ma' terza persuna li suppost kien habib kbir tal-attur u minn dakinhar 'l hawn hija ammettiet kemm mal-attur u kif ukoll ma' terzi persuni illi ser jixhdu waqt din il-kawza, illi hija kellha relazzjoni intima ma' Henry Salamone u ghadha f' relazzjoni sal-lum;

4. Illi sussegwentament l-attrici irritornat lura d-dar pero' regghet telqet ft- 2 ta' Mejju 2006 u fil-frattemp, hija kienet baqghet f' relazzjoni intima mal-imsemmi GH ;

5. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghandhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenuta;

6. Illi ghalkemm l-attur ipprova jsalva z-zwieg taghhom permezz ta' counselling, martu baqghet tippersisti illi tibqa' f' relazzjoni mal-imsemmija persuna;

7. Ill l-proceduri ta' medjazzjoni fallew ghax l-konvenuta baqghet ma deheritx;

8. Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’ dan is-sens, moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit- 13 ta’ Lulju 2006 (Dok D).

Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta minhabba adulterju, sevizzi, ingurji gravi, minacci u eccessi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha;

2. Tawtorizza lill-attur li jghix separat mill-konvenuta martu;

3. Tafda lill-attur bil-kura u kustodja tat-tfal minuri E u F ahwa B, bid-dritt tal-access lill-konvenuta skont il-granet u hinijiet li dina l-Qorti joghgobha tiffissa;

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi iffissata mill-istess Qorti , skont il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-attur, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur ghall-bzonnijiet tieghu u ta’ uliedu minuri, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat, minn dina l-Qorti, jew jekk hekk xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizejjed sabiex l-attur ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta;

5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili Kap. 16;

6. Tiddetermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u kull komunjoni ta' proprjeta' ezistenti bejn il-partijiet, u tordna li l-oggetti hekk appartenenti kommunament lill-kontendenti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit mill-Qorti in vista *inter alia* tad-dati tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita min dina l-Qorti bhala d-data ta' meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil-attur u l-ohra lil-istess konvenuta billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat Perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, Nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jipprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha partikolari ossija parafernali tieghu illi jinsabu fil-pussess taghha jew altrimenti huma goduti minnha.

8. Tawtorizza lill-attur jirregistra ossija jnizzel fir-registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-medjazzjoni, tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 205/2006 u tal-mandat ta' deskrizzjoni numru: 203/2006 NB, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuta CBD** datata 5 ta' Marzu 2007, fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfemat;

1. Illi in linea proceduralì li l-kunjom tal-esponenti huwa BD, u mhux kif indikat fl-okkju;

2. Illi l-esponenti ma topponix ruhha ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejniethom b' dan pero li r-ragunijiet ghandhom ikunu imputabbli unikament ghall-attur;

3. Illi l-esponenti ma topponix ghat-tieni talba.

4. Illi l-esponenti topponi ruhha ghat-tielet talba peress li huwa fl-ahjar interess tal-ulied minuri li dawn ikunu fdati fil-kura u kustodja tal-esponenti u mhux tal-attur.

5. Illi in kwantu ghal dik il-parti tar-raba' talba li tikkoncerna l-manteniment tal-attur innifsu, l-esponenti topponi ruhha ghaliha ghaliex l-attur ghandu jigi ritenut li ddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand l-esponenti, u sussidjarjament u bla pregudizzju, minhabba l-fatt, tenut kont tal-mezzi finanzjarji tal-partijiet, l-attur ghandu mezzi bizzejjed li jmanti lilu nnifsu.

6. Illi in kwantu ghal dik il-parti tar-raba' talba li tikkoncerna l-hlas lill-attur ghal manteniment tat-tfal, l-esponenti topponi ruhha sija ghax it-tfal ghandhom ikunu fdati fil-kura u l-kustodja tal-esponenti, u sussidjarjament u bla pregudzzju, minhabba l-fatt, tenut kont tal-mezzi tal-partijiet, l-esponenti ma ghandhiex mezzi sufficjenti biex thallas il-manteniment u l-attur ghandu mezzi altru sufficjenti, sabiex jista' imantni wahdu lill-istess tfal.

7. Illi l-esponenti naturalment ukoll topponi ruhha li tigi ordnata thallas xi somma globali, bhala manteniment u dan ghall-istess ragunijiet imfissra fiz-zewg paragrafi ta’ qabel.

8. Illi l-esponenti topponi ruhha ghal hames talba stante li r-ragunijiet tas-separazzjoni huma imputabbli unikament ghall-attur.

9. Illi fir-rigward tas-sitt talba, ghalkemm l-esponenti ma topponix ruhha ghat-terminazzjoni, xoljiment u likwidazzjoni tal-akkwisti, hija topponi ruhha li din issir bil-mod mitlub mill-attur u anzi tissometti li ghandha tigi stabbilta data ta’ meta l-istess attur kien hati tal-firda.

10. Illi is-seba’ talba hija superfluwa ghaliex l-esponenti ma ghanda ebda effetti partikolari u/ jew parafernali tal-attur.

11. Illi l-esponenti ma topponix ruhha ghat-tmien talba.

12. Illi in vista tas-suespost, u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata, l-esponenti tissottometti li l-ispejjez tal-proceduri kollha konnessi ghal din is-separazzjoni ghandhom jithallsu mill-attur.

    Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**Rat il-kontro-talba mressqa minn CBD** fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfermat;

1. Illi l-esponenti u l-attur zzewwgu fis- 6 ta’ Mejju 1990 u minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal bl-isem ta’ E, u F it-tnejn ghadhom minorenni.

2. Illi minhabba servizzi, eccessi, swat, ingurji gravi u theddid kommessi mill-attur fil-konfront tal-esponenti, iz-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment. L-attur matul iz-zwieg, kien fil-fatt ikun aggressiv lejn l-esponenti, jidghi frekwentament, ikun vjolenti fizikament maghha, jinsulentaha ghal xejn b' xejn, u litteralment ghamilha seftura tieghu. Kien propju dan l-agir li ghamel il- hajja mizzewwga insapportabbli u kien dan l-agir li huwa l-vera konsegwenza, li wasslu ghal din is-separazzjoni;

3. Illi fir-rigward tat-tfal tal-partijiet, kienet dejjem l-esponenti eskluzzivament li hadet hsieb it-trobbija taghhom minn kull aspett. Sa qabel ma bdew dan il-proceduri, l-attur qatt ma ha interess f' uliedu, lanqas fil-weekends, jew festi pubblici, ghax dejjem mohhu li jqatta' hinu fil-hanut jew fl-imhazen tieghu. L-esponenti ma hadietx it-tfal maghha meta spiccat kostretta titlaq mid-dar minhabba biss il-biza' u l-attitudni dittatorjali ta' zewgha u li tissometti li huwa fl-ahjar interess tal-ulied, li dawn ghandhom ikunu maghha. F' dan il-kuntest hija tirreleva li fis-sitwazzjoni prezenti, it-tfal ma humiex fil-fatt qed jigu imharrsa minn zewgha, izda mill-familjari tieghu. Inoltre', mil-lat edukattiv, huwa vitali ghalihom li l-esponenti li tahdem bhala facilitator go skola u taf anke l-Germaniz, u Taljan , tghinhom fl-istudji taghhom b' kuntrast man-nuqqas ta' kapacita' tal-attur li lanqas ma ghandu kapacita', hin jew interess li jghinhom fil-homework taghhom.

4. Illi fir-rigward tal-kwistjoni ta' manteniment u mezzi tal-partijiet, id-dhul li tippercepixxi l-esponenti huwa bil-kemm sufficjenti sabiex tmanti lilha innifsha mentri dak tal-attur, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, huwa konsiderevoli u altru sufficjenti sabiex imanti lilu innifsu u lil uliedu. Ghalkemm l-attur fl-kaz, tal-kura u kustodja ta' uliedu, tigi fdata f' idejn l-

esponenti, ghandu jigi ordnat ihallas l-manteniment lill-esponenti ghalihom. In oltre tenut kont tal-karattru ta’ zewgha, u tal-fatt li huwa self-employed, ghandu jigi ritenut opportun li tali manteniment jigi kapitallizat u mhallas f’ somma globali.

5. Illi l-esponenti tixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha, tigi terminata xolta u likwidata b’ mod li jigi tenut kont skont il-Ligi tal-htijiet kommessi mill-attur fil-konfront taghha, anke jekk ikun opportun, billi tigi stabbilita id-data ta’ meta l-istess attur kien hati tal-firda.

6. Illi l-esponent meta giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali, halliet warajha fil-pussess tal-attur, il-beni partikolari u parafernali taghha.

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja is-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija imputabbli esklussivament lill-attur.
2. Tafda l-kura u l-kustodja legali taz-zewg ulied minuri tal-partijiet f’ idejn il-konvenuta.
3. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lil-konvenuta manteniment xieraq ghaz-zewg uliedha minuri fuq imsemmija bil-modalita’ ta’ gurnata u lok li jigu ukoll iffissati.
4. Tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt li jesigi manteniment minghand il-konvenuta.
5. Tapplika kontra l-attur id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 (1)(a)(b) tal-Kodici Civili.
6. Tordna terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha f’ zewg porzjonijiet u tassenjaha lil kull parti b’ mod li tapplika kontra l-attur id-disposizzjonijiet tal-artiklu 48 (1) © tal-Kodici Civili.

7. Tikkundanna lill-attur sabiex jirritorna lill-konvenuta l-beni parafernali u partikolari taghha, u fin-nuqqas ihallasha dis-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.

**Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba ta' CBD** datata 16 ta' Marzu 2007 fejn ecepixxa bir-rispett;

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali b' dana li peress illi kienet l-istess konvenuta illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hux minnu li l-attur b' xi mod ta lok ghas-seperazzjoni personali kif ser jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba tal-konvenuta hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri E u F ahwa B.
3. Illi it-tielet talba ghal hlas ta' manteniment hija opposta billi l-konvenuta ma ghadiex il-kura u kustodja tat-tfal u tali hija logikament u gjuridkament anterjuri ghall-hlas ta' manteniment;
4. Illi r-raba' talba hija opposta stante illi huwa qatt ma ta lok ghad-dekandenza mitluba, anzi kienet il-konvenuta, kif inghad, illi b' ghemilha gabet it-tifrik tal-hajja mizzewwga.
5. Illi dwar il-hames talba mhux minnu illi l-attur ta lok ghas-seperazzjoni personali, izda l-hajja konjugali ta' bejn l-kontendenti kif gja inghad saret impossibbli minhabba tortijiet tal-konvenuta inkluz servizzi, eccessi u adulterju, u ngurji gravi u ghalhekk ma hemmx lok ghalfejn ghandhom jigu applikati u kontra tieghu id-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-konvenuta u konsegwentament dawn l-imsemmija artikoli ghandhom jigu applikati kontra l-istess konvenuta.

6. Illi s-sitt talba tal-konvenuta ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontenenti mhix opposta. B' dana pero' illi jigi kkonsidrat illi kienet l-istess konvenuta illi gabet t-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u li hija l-istess konvenuta stess illi hija hatja tal-adulterju u ghalhekk ma hemmx lok ghal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citata mill-konvenuta.
7. Illi is-seba' talba mhix opposta b' dan pero' illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti parafernali tal-konvenuta u b' riserva fis-sens illi l-attur ma huwiex fil-pussess ta' kwaunkwe gid tal-konvenuta.

Rat li fit-30 ta' Marzu, 2007 giet nominata Dr. Nadia Vella bhala perit legali.

Rat ir-rikors u d-digriet tal-25 ta' Frar, 2009. [1]

Rat li l-kawza giet konvertita minn dik ta' seperazzjoni ghal wahda ta' divorzju b' sentenza datata 22 ta' Novembru, 2013.[2]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

## FATTI

1. Il-kontendenti zzewwgu fis-6 ta' Mejju, 1990 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni E u F. Kien biss fl-2003, li l-attur ighid li beda jintebah li seta' kien hemm problema fiz-zwieg taghhom. Il-konvenuta kienet saret bierda fil-konfront tieghu u l-intimita' bejniethom

[1] Ara fol. 283 tal-process
[2] Ara fol. 529 tal-process.

kienet naqset drastikament. Jattribiwixxi l-problemi li kellhom fiz-zwieg minn meta saru hbieb mal-koppja G u IH. Kienu siefru flimkien lejn l-Italja f' Settembru, 2005. Hemm beda jinduna li l-konvenuta kienet tqum qablu u tmur timxi u kienet qaltlu li kienet tiehu kafe' ma' GH. Fl-20 ta' Frar, 2006 skopra li kellha mobile iehor u n-numru kien jikkorrispondi mad-data ta' meta siefru lejn l-Italja. Fl-10 ta' Frar, 2006, il-kontendenti kellhom argument kbir quddiem H,u meta talbu biex ighinu jerga' jghaqqad il-familja, ikkonferma d-dubbji tieghu. Fl-4 ta' Marzu, 2006 ikkonferma li martu l-attrici u H kienu f'relazzjoni u kien anke cempel lil mart H Dakinhar stess il-konvenuta kienet qabdet u hadet l-affarijiet taghha u telqet mid-dar bla ma nfurmat l-attur x'se jigri mit-tfal u marret tghix f' appartament il-Qawra.

Fis-26 ta' Marzu, 2006 ikkonferma li l-konvenuta kienet marret Ghawdex ma' H u li kienu f'relazzjoni. Peress li kienet ratu c-Cirkewwa filghaxija rritornat lura d-dar. Fit-28 ta' Marzu, 2006 il-genituri tal-konvenuta saru jafu li kienet f'r elazzjoni u kienu marru ghandhom biex ighajjruha. Hu ukoll kien ikkonfronta lill-konvenuta sabiex tiddeciedi x'riedet mill-hajja u stqarret mieghu li riedet il-liberta' taghha u fil-fatt bdiet tohrog ta' spiss u kienet iddum barra. Minkejja li baqqghet tinnega li kienet f'relazzjoni ma' H.  Kien qabbad private investigator JK fejn ha video li kkonferma li kienet f' relazzjoni mieghu. Fit-2 ta' Mejju, 2006 wara argument, il-konvenuta reggghet telqet mid-dar u fil-5 ta' Gunju, 2006 regghet irritornat lura d-dar. Dakinhar kellhom l-ewwel seduta ta' medjazzjoni, fejn iddecidiet li kellhom jippruvaw jirrikonciljaw. Kienu bdew counselling fid-29 ta' Gunju, 2006, izda fit-28 ta' Gunju, kienet irceviet telefonata minghand Salamone u l-konvenuta regghet bdiet tohrog u ddum barra.

Fil-21 ta' Lulju, 2006, il-konvenuta ammettiet quddiem il-familja taghhom kollha li kienet f'relazzjoni ma' H u t-tfal kienu rrabbjati hafna. L-attur spicca tressaq il-Qorti fuq dakinhar minhabba li fir-rabja waddab iz-zokkor f' wicc il-konvenuta u wehel €25 multa. Il-konvenuta nsistiet mieghu li ghas-sajf it-tfal kellhom jintbaghtu summer school. Minkejja li kien hemm tenattivi biex jirrikonciljaw, il-konvenuta reggghet telqet mid-dar matrimonjali fis-6 ta' Settembru, 2006 u ma maritx lura sas-16 ta' Ottubru, 2006 u regghu bdew jittentaw rikonciljazzjoni. Lejlet il-Milied tas-sena 2006, il-konvenuta rceviet telefonata minn GH  u kien kellmu l-attur fejn talbu jhallihom bil-kwiet peress li kienu fil-process ta' rikonciljazzjoni, izda H baqa' jibghat il-messaggi u meta l-attur ikkonfronta lil martu sabiex tiddeciedi xi trid, ippakkjat l-affarijiet taghha u telqet mid-dar. Dakinhar, l-attur beda jiehu r-ritratti tal-affarijiet li bdiet tiehu l-konvenuta, tant li l-konvenuta kienet hebbet ghalih bl-ixkupa u kienet wegghatu u kellu jaghmel il-punti u spiccaw b' kumpilazzjoni l-Qorti.

Fit-30 ta' Marzu, 2007, il-konvenuta giet allontanata mid-dar permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu, 2007 u llum tikkoabita ma' GH.

Jichad li minn mindu martu telqet mid-dar kien isiefer tal-anqas tlett darbiet jew erbgha fis-sena u dan meta minhabba li kellu jiehu hsieb it-tfal tieghu ma kienx qed jattendi l-fieri, kien tilef hafna ditti li kienu klijenti tieghu.

Kienu jghixu b'€750 fix-xahar u l-konvenuta kienet thallas €100 fix-xahar ghall-manteniment tat-tfal. Jichad li kien juza' hafna flus biex isiefer mal-partner tieghu. L-attur jikkonferma li llum jinsab f'relazzjoni ma' LM, u ilu sentejn maghha. Ighid li beda johrog maghha fl-2013 u kien hemm drabi

meta siefru flimkien. L-Italja jmur generalment ghax-xoghol, u kull darba l-akkomodazzjoni tithallas mis-suppliers tieghu u dawn anke johorguh jiekol.

Dwar depoziti fil-business loan ighid li ma kienx qed jaghmel depoziti peress kien qed jibza' li jsir sekwestru jew jigu ffrizati l-assi. Il-limiti fuq l-overdraft tieghu kien ta' Lm33,000 u dan peress li kien klijent tal-business centre mhux branch normali.

**MANTENIMENT**

Dwar uliedu, l-attur ighid li l-kbir E kien qieghed l-Universita' fejn kien qed isegwi l-kors tal-B.Com. Ikkonferma ukoll li kien jahdem part-time u forsi kien jahdem full-time fis-sajf. Jikkonferma li kien isuq Toyota Corolla li kienet second hand. Kien jircievi stipendju mill-Universita', izda kien jaf li recenti kellu xi problema.

Dwar il-wild F, li fl-2015 kellu ghoxrin sena u kien qieghed ukoll isegwi kors l-Universita' tal-B.SC.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

1. Negozju ta' hanut "Pictures and Frames" li jinsab gewwa 131, B'Kara Rd, San Gwann li huwa mikri b'kera ta' €11, 500 fis-sena.[3] Jikkonferma li fl-2000 kien kera l-hanut "Pictures and Frames" ghall-perjodu ta' 13-il sena.

[3] Ara dok. MMY 2 u MMY 3, MMY 5 u MMY 6  a fol. 1412 u 1426 tal-process.

2. Workshop gewwa 129, B’ Kara Rd, San Gwann b’kera ta’ Lm2000 fis-sena. Dan kien krieh fl-2006 minghand sid il-Belvedere Garage u l-kera kienet ghal hames snin. Imbaghad fl-2012 kien ghamel kirja ghaz-zewg fondi kif jirrizulta mid-Dokument MMY 2;

3. Mahzen li nbena fuq art li xtraw fiz-zwieg li jgib in-numru 28, Triq il-Mekkanika, Mriehel Industrial Estate[4] li fih tlett sulari u jintuza bhala mahzen biex izomm il-materjal tal-frames bhall-injam u kartun u dan jimportah hu stess. Ighid li qabel dan il-materjal kien ibieghu lill-hwienet u kellu xi 52 klijent, izda peress li kellu jiehu hsieb it-tfal, li huma lkoll maggorenni, illum kulma ghandu huwa zewg klijenti;

4. Dar matrimonjali gewwa 15, Triq Alessio Xuereb.[5]

5. Diversi mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u li jinsabu elenkati fil-mandat ta’ deskrizzjoni.[6]

6. Djun mal-Mirage Holdings Ltd. mill-2001 fuq appliances u ghad hemm bilanc ta’ €7035.14.[7]

**<u>VETTURI</u>**

Waqt iz-zwieg nxtraw zewg vetturi, Toyota Van bin-numru ta’ registrazzjoni BAF 975 irregistrata f’isem l-attur u juzaha hu jew il-lavrant tieghu.

[4] Ara Dok.A a fol. 107 tal-process.
[5] Ara Dok. D a fol. 113 tal-process.
[6] Ara Dok. E a fol. 115 tal-process.
[7] Ara Dok. MH a fol.1022 tal-process.

Il-vettura l-ohra Kia Shuma b'numru ta' registrazzjoni VNB 929 hija registrata f'isem l-attur, izda qed tintuza mill-konvenuta wara digriet mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti.

L-attur jametti li huwa jsuq vettura Toyota Fielder li kienet f'isem huh ghax xtraha hu, izda jghid li juzaha hu 24 siegha u anke jdahhalha fil-garaxx tad-dar tieghu. Jistqarr li ma hemm ebda karta bejn u bejn huh fuq din il-vettura.

**<u>POLOZ TAL-ASSIKURAZZJONI</u>**

1. Retirement plan mal-HSBC Assurance (Malta) Ltd. mahruga f'isem l-attur fl-14 ta' Gunju, 2005 bil-polza numru 400-011226;

2. Life Insurance Policy mahruga mill-Middlesea Valletta Life bin-numru FP 410180 f'isem l-attur u marbuta mal-overdraft facility mahruga mill-Bank of Valletta plc.[8]

3. Life Insurance Policy mahruga mill-Middlesea Valletta Life bin-numru 4277 f'isem l-attur relatata ukoll mal-overdraft facility fuq imsemmija,

**<u>KWISTJONIJIET BANKARJI</u>**

Il-partijiet ma kellhomx joint accounts, izda kull wiehed jew wahda kellu kont tieghu.

[8] Ara Dok. MS 1 a fol. 1457 tal-process.

Dwar il-business loan fejn hallas il-bilanc li kien ta' €6082.84 l-attur ighid li kien hallas minn flus tan-negozju tieghu tal-frames u parti ohra mis-self tal-kumpanija. Jikkonferma ukoll li kien gibed ukoll €44,000 mill-kont tal-APS bank u ma kienx jaf kif gew allokati mill-Bank of Valletta. Pero' gharaf li kien gibed €6360 minn kont savings[9] u dawn gew depozitati fil-kont 40010715756.[10]

**IL-KUMPANIJA ASMM Limited (C 35024)**

L-attur huwa direttur fi hdan is-socjeta' u azzjonist ta' 10, 000 ordinary shares flimkien ma' NO, socjeta' li ghandha l-iskop li tkun involuta fil-kostruzzjoni tal-bini. Il-kumpanija twaqqfet fis-17 ta' Novembru, 2004. Kien hemm dejn ta' cirka Lm60, 000 dovuti lil APS Bank Limited in konnessjoni mal-istess kumpanija. L-attur ighid li kien hallas lil NO, €20,000 mill-flus tal-kumpanija ASMM Limited.[11] Ighid li mill-flus li kien hemm fil-kont tal-kumpanija kien hallas l-overdraft kollu li kellu mal-Bank of Valletta plc. u l-bilanc li kien fadal hadu u hallas lil-likwidatur u l-awditur.[12] Illum l-kont tal-APS bank huwa maghluq b' bilanc zero.

L-attur ipprezenta l-annual reports tas-socjeta' ASMM Limited mis-sena 2009 sal-2012.[13] Esebixxa ukoll il-profit u loss account tan-negozju personali tieghu ghas-sena 2006 u mill-2009 sal-2015.[14] Dwar is-sena li spiccat fl-2011 fejn l-introjtu kien ta' €3, 886 ighid li kien hemm ammont ta' interessi li ma thallsux fl-istess sena u kien zamm l-ammont u ghalaq il-loan.

---

[9] Ara Dok, AX.
[10] Ara dok. B.
[11] Ara Dok. MMY 1 a fol. 1411 tal-process.
[12] Ara Dok, MMY 12 a fol.1443 tal-process.
[13] Ara Dok. MMY 7 sa MMY 11 a fol 1434/1435 tal-process.
[14] Ara Dok. MMY 11 a fol. 1435 tal-process.

2. CBD, iltaqghet mal-konvenut f' Paceville, meta hi kellha 18-il sena u l-attur kellu 23 sena. Il-konvenuta tghid li meta bdiet tohrog mal-attur kien ghadu bla impjieg u kien jixrob u jisker ta' spiss. Beda jahdem ghar-rasu minn garaxx li kien kera u beda jahdem l-ghamara lin-nies u kontemporanjament kien beda jahdem bhala mastrudaxxa ma' Keen Furniture. Il-konvenuta semmiet, skond ma qallha l-attur, li kien gie arrestat fuq drogi, peress li kien ghamel xi zmien jahdem il-Libja u kien qalilha li kien idawwar xi flus minn taht waqt li kien hemm.

   L-gherusija kienet damet xi tlett snin u nofs u hafna mill-hin l-attur kien biezel u kien jahdem hinijiet twal u mhux fil-bidu biss. Wara x-xoghol tghid li kien imur id-dar tal-genituri taghha u jaghmel xi saghtejn, imbaghad fil-weekend hafna drabi kienu jghaddu hafna hin ghand hut l-attur, peress il-konvenuta tghid li kienet toqghodilhom *babysitter*. Il-konvenuta kienet tahdem ma' kumpanija tal-ivvjaggar u kienet tghin lill-attur ukoll sabiex ikun jista' jixtri xi ghodda ghax-xoghol tieghu.

   L-ewwel incident waqt l-gherusija kien meta kien irrabja waqt li kien qed jahdem fil-post fejn kienu ser imorru joqoghdu u kien waddab xi ghodda minn fuq ghal isfel, bir-rizultat li kien laqat lill-konvenuta. Kien ghaddielha l-hsieb li titilqu, izda kienet tibza' l-aktar ghax kienet tahseb li jerga' jaqbad it-triq ghan-nizla u kien donnu ngabar xi ftit.

   Id-dar matrimonjali kienu bnewha fuq art li kienu xtraw minghand missierha u dan jirrizulta mill-kuntratt li sar quddiem in-Nutar Dr. Pierre Falzon. Kienu hallsu lil missierha l-ispejjes li kien ghamel tat-thammil u l-pedamenti li kienu lesti. Tametti li missierha kien ighinhom finanzjarjament u hi kienet thallsu lura bil-flus li kienet taqla' peress li

kienet damet tahdem ghal xi erba’ snin sakemm harget tqila bl-ewwel wild, E. Kien hemm djun x’jithallsu fosthom Lohombus, maz-ziju sacerdot u ma’ missierha li kien sellifhom il-flus. Lil missierha mhux dejjem hallsitu bi flus taghha, gieli hallset ukoll mill-introjtu tal-attur. Tghid li kienet tahdem hi ukoll sakemm twieled l-ewwel tifel u f’dak iz-zmien kienet bdiet iggib l-istudenti sabiex jaqtghu mid-dejn u biex ikollha xi flus f’ idejha.

Izzewwgu fis- 6 ta’ Mejju, 1990 u ftit xhur qabel, l-attur beda jahdem self-employed. Il-glied beda mill-bidu u l-aktar li kienu jiggieldu kien minhabba li l-attur, li sa ftit xhur qabel it-tieg kien beda jahdem self-employed, kien idum hafna x-xoghol u ftit kienet tarah. Meta gew it-tfal iktar beda jizdied l-inkwiet. Tispjega li kienu jiggieldu peress li l-attur kien perfezjonist, izda kienu jiggieldu ukoll minhabba nuqqas ta’ komunikazzjoni u probabilment ma kinux jafu lil xulxin sew qabel ma ttiehed id-decizjoni li jizzewwgu. Kienet thossha qisha seftura ghax l-attur kien jippretendi li jsib kollox lest quddiemu. Peress li meta kellhom it-tfal kienet waqqfghet tahdem, l-attur kien qallha biex igibu l-istudenti biex tghin finanzjarjment u l-piz ta’ dan ix-xoghol waqa’ kollu fuqha.

Tghid li l-attur, imbaghad waqaf jahdem ta’ mastrudaxxa u beda jaghmel il-frames u jimporta dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ din il-linja tax-xoghol. Ghalhekk kienu xtraw bicca art fejn bnew mahzen ta’ tlett sulari fl-Imriehel u kera u fetah hanut bl-frames f’ San Gwann. Hekk iktar telghalu ghar-rasu u kull ma beda jara kienu l-flus. Kien taha l-genb u kien ammetta dan maghha. L-attur kien dejjem jikkmanda, ighajjat, jidghi u jiksirha ghal kull haga ta’ xejn. Tghid li l-attur kien jonqosha mir-rispett ghax kien iwaqqaghha tac-cajt u jirridikolaha. Tametti li ma kinitx matura bizzejjed biex tinduna d-difetti tieghu u titilqu, izda kellhom l-art lesta ta’ missierha u allura setghu jibnu u wara sentejn gharajjes kienu ddecidew li

jizzewwgu. Kienet thossha qisha armla, tezisti mhux tghix u kienet imwegga' mentalment u emozzjonalment, tant li kienet saret hajja insopportabbli. L-attur kien ighidilha li jekk kienet imdejjqa setghet titlaq. Tghid li lanqas ma kien ikollhom "quality time" flimkien ghaliex l-attur kien jiddejjaq, kien dejjem irid il-kumpanija maghhom.

L-attur qatt ma ried jaghmel testament u kien ighidilha li jekk kien jigi nieqes qabilha kien ser ihalli kollox lit-tfal.

Meta t-tfal kellhom seba' snin kienet bdiet tahdem bhala Supply Learning Support Assistant f' skola tal-istat. L-attur ma kienx kuntent b'din id-decizjoni ghaliex kien jahseb li postha kien id-dar, pero' hi kienet kuntenta peress li kien komdu u kienet tispicca x-xoghol fil-hinjiet ta' meta t-tfal imorru lura d-dar.

L-incident li sehh fl-10 ta' Frar, 2006, minhabba girfa li kien sab mal-hajt, li kienu ghamlu t-tfal bil-baskett tal-iskola, wassal biex hi fl-ahhar tiehu decizjoni li tissepara u kienet telqet mid-dar ghall-habta ta' Frar jew il-bidu ta' Marzu, ghax hasset li ma haqqix tigi ttrattatha bil-mod kif kien ittrattaha jghajjat bla razan u dak il-hin kien hemm GH U IH d-dar taghhom. Kienet marret toqghod il-Qawra u riedet tkellem avukat u kienet anke tkellmet ma' GH ghax kienu jifthu qalbhom, anke fil-presenza ta' zwieghom, li hafna drabi lanqas kienu jindunaw ghax kienu ikunu qed jitkellmu fuq affarijiet ohra. Izda ma kinitx damet il-Qawra peress li kienu dahlulha hsibijiet li t-tfal kienu wahedhom u l-attur qatt ma kien jiehu hsiebhom. Kien ghalhekk li rritornat lura d-dar.

L-attur ma kienx kapaci jitlaq u jaghlaq il-hanut biex imur jaraha l-isptar meta ghamlet operazzjoni, izda tghid li llum ma jsibx problema biex jaghlaq sabiex isiefer ma' xi wahda jew mal-hbieb.

Tiddeskrivi lill-attur bhala persuna kiesah, li kien jipprova jghammiha bid-djamanti u gjolleria u kien joqghod jiftahar li kien jixtrihom bhala investiment, izda hi kienet turih li dawn ma kinux importanti ghaliha, li riedet kien rispett u mhabba.

F' Marzu, 2006 ir-relazzjoni taghhom ma kinitx tajba xejn u G kien ried li jmorru jghixu flimkien peress li anke hu kien jinsab imdejjaq fiz-zwieg tieghu. Il-konvenuta tistqarr li kienet infurmat lill-attur bid-decizjoni taghha u kienu telqu jghixu flimkien. Tichad li r-relazzjoni bejniethom bdiet ghall-habta ta' Settembru, 2005, ghalkemm kien ikun hemm xi diskors bejniethom. Kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-konvenuta u anke G regghu lura d-dar sabiex jippruvaw isalvaw iz-zwieg taghhom. Kien hemm xi darbtejn ohra zgur u kienet anke marret counselling mal-attur ghand Fr. 5678, izda tametti li kienet waqqfghet. Regghet telqet minhabba t-tghajjir kontinwu minn naha ta' zewgha u kienet imbaghad telqet definitivament fl-24 ta' Dicembru, 2006, wara glieda bejniethom ghax kien cemplilha G u peress li l-attur kien beda jghajjat ghajjat tal-biza' kienet qabdet xkupa biex tiddefendi lilha nnifsha u spiccat li laqtet lill-attur fuq mohhu u hariglu d-demm. Spiccaw il-Qorti peress li kellhom jintervjenu l-pulizija u kienet instabet hatja. Minn dakinhar 'l hemm tghid li ma kinitx regghhet marret lura fid-dar matrimonjali.

Tghid li meta telqet mid-dar it-tfal kellhom 12-il sena u 11-il sena rispettivament u ma kinitx hadithom maghha, ghax l-attur kien jheddidha li jehodilha t-tfal. Fil-fatt ilhom ighixu mieghu sa minn Dicembru, 2016.

Minn hawn kienu esperjenzat sensiela ta' "harassment" minn naha tal-attur. Kien jaghmel zmien jibghat messaggi fuq il-mobile u jikkwota mill-Bibbja, tant li kellha tikkancella n-numru tieghu. Kien anke jghajjat quddiem it-tfal jekk kienu jigu wicc mb' wicc.

Illum li t-tfal huma maggorenni tghid li ma jsibux problema biex jiltaqghu maghha anke fil-presenza ta' G.

Meta kienu Ruma tghid li kienet issuggerit li jiehdu l-breakfast barra peress li fil-kunvent ma kienx tajjeb u kien biss G li laqa' l-istedina taghha.

Illum tghid li l-attur ghandu relazzjoni ma' LM, li ghandha tifel.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-konvenuta tikkonferma li bhala l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kellhom in-negozju tal-hanut "Pictures and Frames" u l-mahzen fl-Imriehel kjf indikat mill-attur.

Kien hemm ukoll l-ghamara li kienet tinstab fid-dar matrimonjali.

Tikkonferma ukoll il-poloz ta' assikurazzjoni li ndika l-attur u l-istess dwar il-vetturi. Dwar il-kontijiet bankarji, tghid li l-attur ma kienx jaghtiha soddisfazzjon u ghalhekk ma tantx kienet f'posizzjoni li tixhed fuqhom. Kienet taf li gewwa safe fid-dar, l-attur kellu '1 fuq minn Lm20,000 u kien qed igemma sabiex jixtri karozza lussuza.

Tikkonferma li s-socjeta' ASMM Limited li llum hallset id-dejn kollu li kellha u ghalhekk ghandha dritt tiehu sehemha mill-ishma u l-qliegh li ghamlet l-istess kumpanija peress li nbieghu l-proprjetajiet kollha li kienu f' isem dina l-kumpanija.

Tikkonferma ukoll li t-tnejn li huma ghandhom nofs sehem indiviz tad-dar matrimonjali li kienu xtraw qabel iz-zwieg fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon fis-26 ta' Jannar, 1989.[15] Kien sar self fuq id-dar matrimonjali li kien sar qabel iz-zwieg fl-ammont ta' Lm7,000 (€16,305.61) minghand Lohombus Corporation Limited fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon tas-26 ta' Jannar, 1989.[16]

3. EB, bin il-partijiet llum huwa maggorenni u fiz-zmien li xehed kien qieghed jistudja B. Com Marketing l-Universita' u kien jahdem part-time bhala barman. Ighid li dakinhar tal-10 ta' Frar, 2006, ma kienx id-dar, izda meta wasal id-dar kien hass li kien hemm arja ta' tensjoni u huh kien qallu li kien inqala' pandemonju shih bejn il-genituri ghaliex l-attur kien sab girfa mal-hajt u kienu ghadhom kemm zebghu u ghamlu l-gibs. Ikkonferma li ommu kienet telqet diversi drabi fuq perjodu ta' sitt xhur fis-sena 2006 u f' Dicembru tal-istess sena kienet telqet ghal kollox. Dakinhar kienet ammettiet li kienet qed tohrog ma' GH u kien iddispjacut u beda jippakkja l-affarijiet tal-konvenuta ghax riedha titlaq, anke jekk dak iz-zmien kellu 13-il sena. Missieru kien qed jigri wara ommu jiehu r-ritratti ta' x'kienet qed tiehu u ma tiehux. Kien hemm incident peress li kien sab li missieru kellu qatgha fuq mohhu u kien hiereg id-demm. Kien ghalhekk li cempel lil zitu W li giet id-dar. Il-konvenuta kienet baqghet tippakka u kienet telqet

[15] Ara DOk. VML 13 a fol. 1398 tal-process.
[1616] Ara Dok. VML 14 a fol.1398 et seq. tal-process.

mid-dar b' taxi. Kien jaf li kienet telqet minhabba G il-habib taghhom. Hu u huh kienu ilhom ighixu mal-attur sa minn Frar/Marzu, 2006.

Jametti li meta missieru jirrabbja kien igholli lehnu u jidghi, izda ma kienx joffendi verbalment, imma jghid li ma kienx jibza' minnu u ma kienx jaf jekk il-konvenuta kinitx tibza'. Jikkonferma li kien hemm incident fejn missieru tajjar iz-zokkor minn go zukkariera ghal fuq il-konvenuta u dan wara argument fejn ammettiet li kienet qed tohrog ma' GH Missieru jghid li huwa tip ta' persuna li kien jippretendi li jekk jigi lura d-dar wara gurnata xoghol isib platt ikel lest, imma ommu kienet tahdem ukoll.  Ighid li gieli kien ighamillu t-te' huwa stess meta kien jasal. Ghal bidu jghid li l-glied id-dar kien normali, izda mbaghad ghal habta tas-sena 2006 beda jeskala. Ighid li ghalih il-konvenuta kienet ghamlet hazin, specjalment meta kien jikkunsidraha bhala persuna religjuza.

Dwar il-fatt li l-konvenuta kienet tghidlu li kienet se tohrog u kienet iddum barra, ix-xhud ighid li kienet stramba u kien beda jissuspetta hazin. Pero' kkonferma li ommu kienet involuta f' hafna affarijiet, kienet LSA f'skola, imbaghad kien ikollha xoghol tal-iskola li kienet tkomplih id-dar. Kienet ukoll tiehu hsieb l-abbatini taz-Zwejt, tiehu hsieb il-grupp tal-missjoni ta' San Gwann u kienet ukoll il-leader tal-grupp tan-Neokatekumeni ta' San Gwann, kif ukoll kienet il-contact person tat-triq taghhom ghall-attivitajiet li kien jorganizza Father S fil-Kappella taz-Zwejt. Ikkonferma li GH, kien ukoll grupp leader tan-Neokatekumeni.

Dwar l-access ighid li huh kien imur jara lil ommu, izda hu kien ghazel biex ma jmurx ghax kellu hafna rabja. Kien hemm okkazzjoni fejn kellu xi jghid ma' missieru li kien keccih u mar ghand ommu u jikkonferma li kien sab lil GH hemm. Meta hu u huh kienu jmorru ghand il-konvenuta biex

jezercitaw l-access u kienu jsibu lil GH hemm, kienu jcemplu lill-attur biex imur ghalihom. Darba kien hemm anke incident bejn l-attur u H meta missierhom mar jigborhom.

Illum peress li x-xhud huwa maggorenni jghid li hu u l-konvenuta jiltaqghu xi darba kull tlett gimghat u dana peress li kulhadd huwa mpenjat. Gieli jmur jiekol ghand il-konvenuta, flimkien ma' huh u t-tfajla tieghu u jkun hemm GH.

4. GH jispjega li ghall-habta tas-sena 2004 kien sar jaf lill-kontendenti tramite Fr. ST , li kien habib komuni. Kienu imbaghad siefru mal-konjugi B, Ruma fis-sena 2005. Kienu baqghu jiltaqghu xi darbtejn fil-gimgha, flimkien ma' koppja ohra P u NO u ma' Fr. ST, Jikkonferma ukoll li hu u martu kienu jiffurmaw parti mill-grupp tal-Mixja Neokatekumenali u kienu ilhom hemm ghal 17-il sena, filwaqt li anke l-kontendenti kienu nghaqdu u kien ghamlu xi sena. Pero' fis-2006 ighid li kellu problemi mal-mara u kien waqaf jattendi din il-mixja u kienu anke waqfu johrogu mal-klikka li semma aktar 'l fuq.

Ighid li l-problemi mal-mara tieghu kienu ilhom jezistu mill-1995/1996, izda ma kienx hass li kien ghaqli jiftah qalbu ma' hadd minn nies li kien jiffrekwenta. Sakemm beda jiftah qalbu mal-konvenuta ghall-habta tas-sena 2006. Irrealizza li kien hemm problemi bejn il-konjugi B, ghaliex fl-10 ta' Frar, 2006, hu u martu kienu d-dar ghandhom u nqalghet glieda bejn il-konjugi u kien hemm hafna ghajjat u twerziq. Wara dan l-incident isemmi li kien baqa' in kuntatt mal-konvenuta biss u marru joqoghodu flimkien fl-24 ta' Dicembru, 2006 il-Qawra u mbaghad marru jghixu flimkien Victoria Mansions, 11, Triq id-Dejqa, Naxxar. Sa qabel kien hemm zmien fejn kienu gieli joqoghdu flimkien u sal-10 ta' Frar, 2006

kienu biss jafdaw f' xulxin ma kienx hemm relazzjoni. Ighid li l-attur ma kienx jaf li kienu jikkomunikaw bejniethom sa dak iz-zmien, partikolarment wara li kienu siefru l-Italja flimkien. Jikkonferma li kien ikun hemm diversi telefonati twal bejniethom sa Jannar 2006, izda sa dak iz-zmien ma kienux f'relazzjoni kif inhuma llum. Ma kienx innega li kienu diga' jezistu certu feelings li ma affrontawx sakemm il-konvenuta ddecidiet tghid lill-attur zewgha li kienet ser titilqu. Hu kien ihoss l-istess u cioe' li z-zwieg tieghu kien falla u kien ried isib avukat bhall-konvenuta sabiex jibda bil-proceduri ta' separazzjoni u jibda hajja gdida mal-konvenuta.

5. NO, kien habib tal-partijiet peress li kienu jkunu flimkien f'prayer meetings f' San Gwann u kienu jiltaqghu tal-anqas darba fil-gimgha l-aktar ghand il-kontendenti bhala "socializing." Ighid li kien iltaqa' maghhom fl-2002. Lill-koppja H, kien iltaqa' maghhom fl-2003 f' Lourdes ukoll flimkien mal-kontendenti.

   Jiddeskrivi lill-koppja B bhala koppja normali, li kien ikollu l-glied normali bhal kull koppja, sakemm fi Frar 2005 sar jaf li kellhom il-problemi. Jirrizulta li kellhom glieda fl-10 ta' Frar u suppost kellhom imorru jieklu ghandhom u l-ikla thassret. Kien hemm zmien qabel meta l-konvenuta kienet marret xahar wahedha l-Kanada u meta giet lura u kienu ltaqghu kienet ammettiet li ma kienet immissjat lil hadd sakemm damet imsiefra.

   Minn dakinhar ighid li kien biss f' kuntatt mal-attur u ma' mart GH. Ighid li H kien ilu ma jattendi l-kappella maghhom, izda mbaghad kien imur ghall-ikliet li kienu jaghmlu bejniethom. Lill-konvenuta u l-GH, ma kienx ikellimhom peress li kienu kissru zewg familji. Ighid li l-ahhar li kien

tkellem ma' H kien fit-tieg ta' bintu, u kien ammetta mieghu li kien "love at first sight" mal-konvenuta. Dwar l-attur ighid li kien l-akbar habib tieghu u kien ha s-separazzjoni bi kbira. Illum ighid li t-tfal qeghdin mieghu.

Ix-xhud ikkonferma ukoll li huwa direttur flimkien mal-attur fil-kumpanija ASMM Limited, li kienet twaqqfghet sabiex jizvillupaw propjeta' fi Triq San Giljan, f' B' Kara. Ighid li kienu hadu self ta' Lm60,000 liema fondi ntuzaw sabiex jaghmlu dan il-progett, li minnu kienu nbieghu xi proprjetajiet u kien ghad fadal dejn ta' €29,000 mil-loan u kull sitt xhur ihallsu l-imghaxijiet. Ighid li l-attur kien jiehu hsieb l-accounts tal-kumpanija u ma kinux hadu profitt.

4. Anthony Bonnici, in rapprezentanza ta' Mobisle Communications Limited (Go Mobile) jaghti informazzjoni fuq in-numri 79050905, 79476226, 79240268 u 79242996. In-numru 79476226 ghadu attiv u huwa rregistrat fuq isem il-konvenuta.[17]

It-tlett numri l-ohra huma dizattivati u dan ghal perjodu ta' aktar minn tlett xhur u ghalhekk id-dettalji tar-registrazzjoni jintilfu jekk ikunu pre-paid clients kif ukoll jekk ikollhom kuntratt. Jinzammu pero' l-profiles sa mis-sena 2006[18] u dan juri meta saru l-calls, meta wiegbet, il-hin li qatghet, *duration in seconds*, in-numru tat-telefon minn fejn originat it-telefonata u n-numru tat-telefon li rcieva t-telefonata.

Fuq l-sms jispjega li fejn taht il-kolonna "Comment," hemm indikat "application originated," ifisser li l-messagg intbghat minn fuq kompjuter.

---

[17] Ara Dok. AB 1.
[18] Ara Dok. AB 2

6. Tonio Briguglio, in rapprezentanza tad-Divizjoni tal-Edukazzjoni pprezenta l-P3's tal-konvenuta mis-sena 2005 sas-sena 2007. Fis-sena 2005 jirrizulta li l-konvenuta rceviet gross salary ta' Lm4099.004, Lm443.87 allowances li jinkludu l-bonuses skond il-ligi u dawn flimkien jammontaw ghal Lm4542.87 gross. Biex jigi kkalkolat s-salarju net, iridu jitnaqqsu Lm239 taxxa u Lm409.76 NI contributions,[19]

   Jispjega li l-grade description tal-konvenuta huwa ta' Supply Kindergarten Assistant peress dahlet part-time u wara sena ssir full-time.

7. QR, accountant tal-attur u tas-socjeta' ASMM Limited esebixxa l-audited accounts tas-socjeta' ghas-snin 2007[20] u 2008[21] u 2009,[22] il-memorandum u articles of association,[23] kif ukoll il-profit and loss accounts tal-attur bhala sole trader ghall-perjodu bejn 2005 sal-2008.[24] Dawn inhadmu fuq l-ircevuti fiskali li pprezentalu l-attur. Peress li l-attur ibiegh retail u huwa ukoll wholesaler, ix-xiri tal-istock u materjal jehdohom mill-invoices tas-suppliers li l-bulk taghhom huma *imports.* L-ispejjes (overheads) u l-infiq kapitali dawl, ilma u telefon, dan jehodhom mill-kontijiet u mill-invoices, filwaqt li l-imghaxijiet tal-overdraft u tal-loan jehodhom mill-istatements tal-bank. Ighid li l-accounts personali tal-attur ma jirriflettux l-ispejjes li huwa ghamel personalment anke meta dawn ikunu thallsu mill-overdraft. Dawn generalment ikunu minimi u ghalhekk ma jifridx l-ispiza tieghu personali minn dik tal-overdraft. Il-mahzen tal-Imriehel mhux inkluz fil-

[19] Ara Doks TB1 – TB3.
[20] Ara Doks. KV 6 sa KV 9.
[21] Ara Dok. KV 1 a fol. 775 tal-process.
[22] Ara Dok. NV 1 a fol. 905 tal-process.
[23] Ara doks. KV 10 a fol775 et. seq. tal-process.
[24] Ara Doks. KV 2 – KV 5 a fol.798- 807 tal-process u Dok. NV 2 a fol. 927 tal-process.

profit and loss account u dan minhabba ma jikkwalifikax bhala capital allowance, ghax jintuza bhala store biss.

Dwar l-*imports* fuq affarijiet zghar hafna, ighid li l-attur igawdi minn credit terms, izda fil-maggoranza jhallas dawn cash, permezz ta' bank transfer mill-Bank of Valletta u fil-fatt jikkonferma li l-attur jopera kont wiehed ghal dan l-iskop. Ghal dak li jixtri mil-lokal m'ghandux *credit terms* imma jithallas *cash.* Minhabba l-kont li fetah mal-Bank of Valletta ihallas fil-maggorparti bl-internet, pero' x-xhud jikkonferma li wara li jhallsu l-attur, ghadu jhallaslu l-VAT u l-bolol.

Dwar Dok. KV 3 jispjega li l-ispejjes indikati hemmhekk mhux necessarjament ikunu nhargu mill-overdraft, ghax l-attur seta' hallashom flus. Il-hrug huwa purchases, kera, pagi, ilma u dawl u dawn ilkoll inhargu mill-overdraft u l-parti rimanenti mill-kontanti. Dwar Dok. KV 5 jispjega li dawn jirrapprezentaw schedule of capital allowance, jigifieri jkun hemm certi spejjes li ma jinqatghux f'sena wahda fil-komputazzjoni tat-taxxa. Ighid li s-socjeta' twaqqfghet fis-17 ta' Novembru, 2004, izda ma kienx l-accountant tal-attur qabel is-sena 2005.

Dwar id-djun tas-socjeta' ASMM Limited ighid li fl-2008 kien hemm €6063 kredituri normali li huma audit fees u ammonti dovuti lill-perit. Kien hemm ukoll bilanc ta' debitu mal-Bank fl-ammont ta' €30, 365 dovuti lil APS Bank li jithallas kull Gunju u Dicembru ta' kull sena u meta tinbiegh parti mill-proprjeta' l-Bank jithallas il-prezz taghha bhala parti mill-kapital, pero' qabel titnaqqas it-taxxa bit-12%.

R jispjega illi l-attur ghandu overdraft mal-Bank of Valletta li ma setax juza' peress li l-kontijiet kienu gew iffrizati. Sat-30 ta' Settembru 2008 il-

bilanc tal-overdraft kien ta' debitu €55,252.16. Ighid ukoll li kien hemm loan mal-Bank of Valletta ukoll li fid-9 ta' Marzu, 2009 kellu bilanc ta' €5139.09. Minhabba s-sekwestru, l-attur beda jaghtih il-flus kontanti sabiex ihallas l-ispejjes tal-VAT, taxxi interni, kif ukoll il-kontijiet tat-telefon, dawl u ilma kemm tad-dar, kif ukoll tan-negozju. Dwar il-kontijiet tal-VAT, taxxa u bolol, ighid li l-attur kien *up to date* fil-pagamenti. Dwar il-loan ma kienx cert, izda sa fejn kien jiftakar il-pagamenti ma kinux qed isiru.

Jispjega li bejn 2005 u 2008, l-attur dejjem ghamel profit, izda bejn l-2008 u l-2010, naqas il-volum tax-xoghol u l-ispejjes zdiedu, aktar meta kellu jimpjega lil xi hadd ghall-habta tas-sena 2006 peress li kellu impenji ohra tal-familja.

R jkompli jikkonferma li mil-blokka kienu nbieghu flat u penthouse u zewg car spaces u kien jonqos li jinbieghu zewg flats u zewg car spaces. Kienu saru pagamenti lil APS Bank Limited mis-socjeta' ASMM Limited.[25] Sat-8 ta' Mejju, 2008, il-Bank kien ghad fadallu jiehu €26,966.51 li kienu sal-2010 saru €30, 364.47[26] ghax ma kinux saru xi hlasijiet tal-imghax li akkumulaw mal-kapital. L-ammont ta' €136,748 mhux il-market value imma l-ammont kollu li nefqet fuqha l-kumpanija biex xtrat l-art u zviluppataha.

Bhala kredituri jirrizulta li kien hemm min thallas mill-€40,000 li rceviet is-socjeta' ASMM Limited, kif ukoll kien hemm pagamenti li saru lil APS Bank.[27]

---

[25] Ara Dok. NV 3 a fol. 931 tal-process.
[26] Ara Dok. NV 4 a fol. 933 tal-process.
[27] Ara Dok. NV 5 a fol. 940 tal-process.

8. IH ilha taf lill-kontendenti ghal xi ghaxar snin u kkonfermat li kienet saret tafhom peress li kienu jattendu l-kappella Ta' Zwejt u Fr. ST li kien inkarigat hemmhekk kien introducihom mal-konjugi B u O. B'hekk kienu saru hbieb u ffrekwentaw lil xulxin hafna drabi fost il-gimgha. Kienu anke siefru flimkien Ruma. Tghid li hi u zewgha kienu jattendu ukoll il-komunita' neo-katekumenali, fejn kienu jattendu ukoll il-konjugi B, izda tghid li zewgha GH ma baqax jattendi u ftit wara kien telaq mid-dar matrimonjali ghall-habta ta' Lulju, 2006. Kien diga' telaq qabel u gie lura diversi drabi. L-ewwel darba li telaq kien Lejlet il-Milied tas-sena 2005 u tghid li minkejja li qatt ma kien taha spjegazzjoni, kellha s-suspetti taghha u dan minn meta kienu marru Ruma flimkien mal-konjugi B. Meta rritornaw lura Malta kienet ikkonfrontatu peress li kienet sabet il-kontijiet tat-telefon u rrizulta li kien hemm ammont kbir ta' telefonati lejn il-konvenuta. Zewgha kien innega li kien hemm relazzjoni u kien qal li l-konvenuta kienet tiftah qalbha mieghu, sakemm fl-ahhar ammetta.

Ix-xhud tikkonferma ukoll kien hemm glieda kbira bejn l-attur u l-kontendenti fl-10 ta' Frar, 2005 fuq girfa li kien sab l-attur fuq il-hajt li kien ghadu kemm bajjad. Dakinhar kienet rat lill-attur irrabbjat hafna, tant li kienu telqu hi u r-ragel. Tghid li r-reazzjoni tieghu kienet naqra esagerata u tametti li ghal min ma jafux il-vuci tieghu tista' tnissel biza'. Meta zewgha telaq mid-dar, tghid li ma kinitx baqghet in kuntatt mal-kontendenti. Wara l-10 ta' Frar, 2005, tghid li zewgha GH kien beda gej u sejjer mid-dar u fl-istess waqt il-konvenuta kienet telqet lir-ragel. L-attur kien jikkomunika maghha kuljum peress li kien hadha bil-kbira. Tichad li kienet marret ghand l-attur biex jitkellmu fuq ir-relazzjoni bejn G zewgha u l-konvenuta, flimkien ma' Fr. ST.

9. Fr. ST ilu jaf lill-konjugi B ‘l fuq minn 18-il sena minhabba li kienu nvoluti fl-aspett pastorali tal-kappella Ta’ Zwejt f’ San Gwann. Kienu anke jiffrekwentaw il-quddies bhala koppja u bhala familja. Kien anke siefer maghhom Ruma flimkien mal-konjugi H

   Kien jiffrekwenta d-dar taghhom u kien jiltaqa’ maghhom u ma’ koppji ohra, xi drabi iktar minn darba fix-xahar u hafna drabi fid-dar tal-kontendenti. Kien ikun hafna aktar ghand il-koppja H. Jikkonferma li kien jaf li l-konvenuta llum qiedgha f’ relazzjoni ma’ GH, izda ma rrispondix jekk l-attur qatt fetah qalbu mieghu. Mal-konvenuta ma kellux aktar kuntatt wara s-separazzjoni. Ighid li kien hemm drabi fejn ra t-tbengil fuq wicc l-attur u meta jirrabbja ma kienx jipprezenta biza’. Jichad li mar ghand l-attur, flimkien mal-mara ta’ GH, wara li telaq lil martu.

10. UV, missier il-konvenuta jghid li kien infurmah l-attur li l-konvenuta kienet telqet mid-dar. Ma kienx jaf x’kienet ir-raguni, izda l-attur kien semma li kien ikkoreggiha mhux kif suppost. Kien jaf li kien hemm xi drabi ohra fejn il-konvenuta kienet telqet u kienet terga’ lura d-dar. Meta kienu jmorru jarawh bit-tfal, generalment il-Hdud, kien jarahom bhala koppja normali li gieli kien ikollha xi tghid u l-istess meta kien imur ghandhom l-aktar fil-festi. Meta il-konvenuta ma kinitx taqbel mieghu kien jahtafha u jiksirha quddiemhom. Jikkonferma li llum jaf li l-konvenuta qiedgha f’ relazzjoni ma’ GH.

    Dwar l-art ta’ San Gwann ighid li din kienet tieghu u kien taghhilhom b’donazzjoni lit-tnejn li huma. L-art kienet fi stadju ta’ pedamenti u kien xtraha minghand il-Gvern bi prezz ta’ Lm250 u jghid li ma kienx halla dejn fuq din l-art. Ma setax jiftakar jekk l-att ta’ trasferiment sarx quddiem Nutar.

11. WX, oht l-attur tispjega li kienet vicin hafna tal-kontendenti u kienu jiltaqghu kull gimgha jew ghal xi picnic fix-Xitwa jew ghal Bbq fis-sajf. Kien hemm Bbq fis-sajf tas-sena 2005 u kienet se tizzewweg it-tifla u kienet ratha stramba meta l-konvenuta talbitha d-data biex izomm dik il-gurnata minghajr impenji u kienet ukoll indunat meta kienet tmur taghmel xagharha d-dar taghhom, kienet kontinwament tibghat il-messaggi. Li kien hemm stramb ukoll kien li kull meta kienet iccempel id-dar ghandhom kien ikun hemm it-tfal li kienu jghidulha li l-konvenuta kienet barra pero' ma kienux jafu fejn kienet. Tghid li ma kinitx rat xi haga stramba bejn il-koppja, sakemm l-attur fi Frar, 2006 kien infurmaha li l-konvenuta kienet se titlaq mid-dar, izda ma kienx taha raguni.

Kienu ppruvaw ikunu ta' wens ghall-attur, specjalment meta bdew il-proceduri ta' medjazzjoni. Kien infurmahom li l-konvenuta kienet ser terga' tmur lura d-dar, izda saret taf wara li l-attur kellu attakk ta' qalb u l-konvenuta ma kinitx infurmathom.

Tikkonferma li l-konvenuta kienet telqet ghal kollox Lejliet il-Milied tas-sena 2006. Kellhom glieda u t-tifel tal-kontendenti e kien cemplilha jibki li kien hemm id-demm ghax il-konvenuta kienet sawtet lill-attur. Meta nizlet fil-post kienet sabet lill-konvenuta tippakkja l-affarijiet u l-pulizija kienu hemm ukoll.

Minn dakinhar il-konvenuta ma regghetx marret lura d-dar u t-tfal kienu baqghu jghixu mal-attur. L-attur kien jiggestixxi hanut tal-frames f' San Gwann, izda gieli kien ikollu jzommu maghluq minhabba l-htigijiet tat-tfal. Ix-xhud tikkonferma li l-konvenuta kienet f' relazzjoni ma' GH u kienet ghadha mieghu sa llum.

12. 12D, oht il-konvenuta tiddeskrivi lill-konvenuta bhala persuna rizervata u billi lanqas hi kienet tip li taghmel hafna domandi, tghid li ma kinitx taf ir-raguni ghalfejn il-konvenuta kienet telqet lir-ragel taghha. Illum taf li qiedgha f' relazzjoni ma' GH u li ilha mieghu minn xi ftit xhur jew sena minn mindu telqet lir-ragel taghha.

Qabel mal-kontendenti kienu sseparaw kienu jiltaqghu ghand il-genituri taghhom kull nhar ta' Hadd u kollox kien jidher sew bejniethom. Kien hemm xi zewgt ihdud meta l-konvenuta ma kinitx marret u kien mar l-attur biz-zewgt itfal.

13. 34B jikkonferma ukoll li ma kienx jissuspetta li seta' kien hemm xi problem bejn il-kontendenti u dan ghax kienu jiltaqghu ta' sikwit u ghalhekk kien xokk kbir meta saru jafu li kienu se jisseparaw. Kien jaf li uliedhom kienu baqghu jghixu mal-attur. Jikkonferma ukoll li kien hemm incident fejn l-attur gie ferut .

KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI

1. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li f'isem l-attur kien hemm is-segwenti kontijiet:-

i) Current account numru 027005503001[28]
ii) Savings account numru 027005503050[29]

[28] Ara Dok. AG 1 u AG 7 a fol. 584 tal-process.
[29] Ara Dok. AG 2 u AG 8 a fol. 584 tal-process.

iii) Visa account numru 4568823142058313[30]

Rigward it-transaction li saret fil-kont savings fuq imsemmi, tispjega illi rrizulta li gew investiti Lm5000 mal-HSBC Fund Management.[31] Dejjem rigward l-istess kont, ix-xhud tkompli tispjega illi t-transaction voucher juri withdrawal ta' Lm5, 001.50 li ngibdu mill-attur sabiex isir bank draft f'isem l-attur. Tikkonferma li kull bank draft tista' tigi "endorsed."[32]

Ikkonfermat ukoll li bejn il-kont kurrenti u savings fuq imsemmijin hemm standing order mill-kont savings ghall-kont kurrenti.

Ix-xhud esebit diversi cekkijiet relatati mal-kont kurrenti.[33]

2. Anna Muscat Fenech in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. kkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet:-

**F'isem l-attur**

i) Business loan bin-numru 40010715756 li sal-24 ta' Ottubru, 2006 kellu bilanc in debitu ta' Lm5, 000.02[34] u mbaghad aktar tard ipprezentat statement aktar recenti[35];

ii) Savings account bin-numru 14900822015 li sas-6 ta' Dicembru, 2006 kellu bilanc ta' Lm6.89[36];

---

30 Ara Dok. AG 3 u AG 9 a fol.584 tal-process.
31 Ara Dok. AG 4 a fol. 607 tal-process.
32 Ara Dok. AG 5 a fol. 607 tal-process.
33 Ara Dok. AG 6 a fol. 607 tal-process.,
34 Ara Dok. AMF 1 a fol. 584 tal-process.

35 Ara Dok. AMF 10 a fol.584 et seq. tal-process.
36 Ara Dok. AMF 2 a fol. 584 tal-process.

**F'isem il-konvenuta**

i) Savings account bin-numru 16710273104 li fit-23 ta' Marzu, 2007 kellu bilanc ta' Lm633.75[37]

ii) Visa classic card bin-numru 4552401322707013 liema kont ghandu credit limit ta' Lm300;[38]

Maria Theresa Busuttil, in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc. esebit diversi "cheque images," [39] zewg payment orders u zewg transaction orders. [40]

**KONTIJIET KONGUNTI**

i) Business loan f'isem il-partijiet bin-numru 34902606015 li naghlaq fl-10 ta' Jannar, 2004;[41]

ii) Business loan f'isem il-partijiet bin-numru 40011340968 li naghlaq fit-30 ta' Gunju, 2003[42]

iii) Overdraft f'isem il-partijiet bin-numru 14902606035 u sat-30 ta' Marzu, 2007 kien hemm bilanc ta' Lm21, 117.74 (debitu)[43]. Fejn hemm referenza ghall-"PO" dan ifisser "payment order."

Fuq dan l-overdraft jirrizulta li dan il-kont huwa "blocked."[44] L-overdraft kien awtorizzat sal-ammont ta' LM33,000. Id-decizjoni

---

[37] Ara Dok. AMF 3 a fol. 584 tal-process;

[38] Ara Dok. AMF 9 a fol. 584 et seq.tal-process.
[39] Ara Doks. MTB 1 – MTB 4.
[40] Ara Doks. MTB 5 – MTB 8.
[41] Ara AMF 4 a fol. 584 tal-process
[42] Ara Dok. AMF 5 a fol. 584 tal-process.
[43] Ara Dok., AMF 6 a fol. 584 tal-process.
[44] Ara Doks AMF 9- AMF 10 a fol.583 et seq. tal-process.

sabiex jitwaqqaf dan l-overdraft kienet mehuda mill-Imsida Business Centre. [45] Fit-12 ta' Lulju, 2007 ikkonferma li l-overdraft ma kienx overdrawn.[46]

Giet ipprezentata ukoll is-sanction letter mahruga fuq l-overdraft fuq imsemmi.[47]

Dwar il-visa card tghid li kien hemm supplementary card f'isem il-konvenuta li ggib in-numru 455240131352804.[48]

Ix-xhud tispjega ukoll illi kien hemm visa card bin-numru 4552 4012 0023 4320 li giet irtirata mill-Bank fil-11 ta' Awissu, 2006.[49]

Dwar il-kont kurrenti li jgib in-numru 14902606035, l-attur kien irritorna c-cekkijiet blank kollha li kellu fuq dan il-kont u l-Bank hareg l-ircevuta relattiva.[50]

3. Ray Pace, executive head tal-BOV Msida Business Centre, ikkonferma li kien inghata overdraft facility ta' Lm33,000 u dan inhareg fid-9 ta' Lulju, 2004 u kien hemm loan ta' Lm7, 552. Din il-facilita' mbaghad kienet twaqqfet malli gew infurmati minn Dr. Albert Libreri, bhala avukat tal-konvenuta, li l-konjugi B, kienu qed jisseparaw. Din l-ittra ntbaghtet fid-9 ta' Awissu, 2006.[51] L-attur

[45] Ara Doks MTB 11.
[46] Ara Dok. MTB 12- MTB 13.
[47] Ara Dok. AMF 7 a fol.584 et.seq tal-process.
[48] Ara Dok. AMF 8 a fol. 584 et seq. tal-process.
[49] Ara DOK. MTB 14 a fol. tal-process.
[50] Ara Dok. MTB 15 a fol. tal-process.
[51] Ara Doks. MTB 9 u MTB 10.

kien gie nfurmat b'din id-decizjoni u kien irritorna "unused cheques u cards" li kienu relatati mal-kont fil-11 ta' Awissu, 2006.

Bhala Bank innegaw li kien hemm xi agir skorett kif kien qed jallega Dr. Libreri. Bhala overdraft dejjem intuza fil-limiti tieghu. Dwar il-loan ir-repayments kienu jsiru. Minkejja li l-hlasijiet mhux dejjem kienu konsistenti, kien hemm okkazzjonijiet fejn saru depositi kbar u ghalhekk il-bilanc kien nizel minn Lm30, 000 in debit sa
Lm 20,000 in debit. Wara s-7 ta' Marzu, 2007, ma sarux iktar depositi u l-imghaxijiet baqghu jinkorru.

Bejn it-30 ta' Marzu, 2006 u s-27 ta' Gunju, 2006, l-attur kien ghamel zewg depositi fit-30 ta' Marzu, 2006 ta' Lm765.86 u iehor ta' Lm504.77 u kien hemm credit entry mill-POS ta' Lm98.58. Fit-30 ta' Marzu, 2006 il-bilanc kien ta' Lm16, 008.29 in debit u fis-27 ta' Gunju, 2006 dan kien ta' Lm28, 847.63 in debit. Minn dakinhar ma sarux iktar depositi u lejn l-ahhar ta' Novembru, 2006, fuq insistenza tal-bank kien sar depozitu ta' LM10, 000, wara li kien diga' gie bblukkjat il-kont. Ikkonferma li sal-24 ta' Ottubru, 2007, kien hemm bilanc ta' Lm21, 929.46 in debit.

Esebixxa cekk images mahrugin fuq il-kont numru 14902606035 mill-bidu li nfetah sal-2006.[52] Ikkonferma ukoll li l-attur ma kellux facilitajiet ohra fuq ismu u lanqas m'ghandu connected accounts ma' kontijiet ta' AB u CB.  Dwar azzjoni li l-bank ghandha tiehu fil-konfront tal-partijiet minhabba li mhux qed isiru hlasijiet fuq l-

[52] Ara Dok. RP 1

overdraft, jispjega li l-bank jagixxi wara li jtihom parir, pero' l-prerogativa tibqa' taghhom.

3. Dr. Graziella Bray, in rapprezentanza tal-APS Bank spjegat illi l-kontendenti huma lkoll flimkien garanti ghall-kumpanija ASMM Ltd. ghas-somma ta' Lm60,000. Tispjega illi dina l-garanzija tkopri facilita' ta' self illi l-APS Bank ta' lil ASMM Limited u dana ghall-ammont ta' Lm60,000. Esebit ukoll is-sanction letter relatata mal-istess facilita', fejn kien hemm ukoll ir-repayment terms.[53] Bhala garanzija l-kontendenti kellhom jippotekaw il-fond 209, St. Julians Str, B'Kara.[54]

   Maria Grech, in rapprezentanza tal-istess Bank ipprezentat l-istatement tal-kont kurrenti ta' ASMM Limited.[55]

   Sandro Montebello in rapprezentanza tal-istess bank ikkonferma li ghalkemm skond is-sanction letter il-loan huwa ta' LM60,000 ir-repayment huwa ta' Lm134,500 li jirrapprezenta 70% tal-izvilupp tal-proprjeta'. Il-bank ghandu jiehu s-Lm60, 000 flimkien mal-imghaxijiet.

   L-ammont ta' Lm4,600 huwa l-imghax li kellu jithallas mit-2 ta' Gunju, 2005 sat-28 ta' Gunju, 2007 u gie addebitat fuq il-kont tas-self u thallas mill-kont kurrenti u fl-2007 kienet ghadha ma thallsitx is-somma ta' Lm1, 930. Ighid li dan il-bilanc ma thallasx peress li ma kienx hemm fondi fil-kont. [56]

---

[53] Ara Doks. APS 1 u APS 2 a fol.590 u 598 tal-process.
[54] Ara Dok, APS 3 a fol.605 tal-process.
[55] Ara Dok.MG 1
[56] Ara Dok. APS 3

4. Christopher Darmanin, in rapprezentanza tal-ADT ikkonferma li ma kienx hemm vetturi registrati f'isem il-konvenuta u f'isem l-attur irrizultaw tlett vetturi: –

   i) H 8125 tal-marka Morris Marina, li ilha ggaraxxjata mid-29 ta' Jannar, 1997;
   ii) VNB Kia Shuma li ghadha rregistrata f'isem l-attur;
   iii) BAF 975 Toyota Hiace li ghadha rregistrata f'isem l-attur.[57]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attur fetah il-kawza ta' separazzjoni u attribwixxa t-tort kollu fuq il-konvenuta peress li fil-fehma tieghu rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi.

Il-konvenuta pprezentat kontro-talba u filwaqt li cahdet li hi ghandha tort ghas-separazzjoni, hasset li z-zwieg tkisser irrimedjabilment peress li l-attur irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, swat, ingurji gravi u theddid fil-konfront taghha.

---

[57] Ara Doks. CD 1 – CD 3 a fol.730-736 tal-process.

**ADULTERJU**

Iz- zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

lli fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

*"… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Huwa fatt mhux ikkontestat, anzi ma hemm ebda intenzjoni ta' habi li l-konvenuta llum qiedgha f'relazzjoni ma' GH, habib tal-konjugi b peress li kienu jattendu l-kappella taz-Zwejt f' San Gwann u kienu jiffurmaw parti mill-klikka tal-Neo-Katekumeni. Il-kontestazzjoni hija fuq meta bdiet dina r-relazzjoni. Il-konvenuta tinsisti li "***r-relazzjoni amoruza taghha ma' H bdiet biss wara z-zwieg***

***tal-partijiet kien diga' tfarrak irrimedjabbilment minhabba l-atteggjament tal-attur."***

L-attur hu tal-fehma li dan ma kienx il-kaz u ressaq diversi xhieda in sostenn ta' dan. Diversi membri tal-familja xehdu li qatt ma ssusspettaw li seta' kien hemm xi problemi fiz-zwieg tal-kontendenti, pero' oht l-attur WX, tghid li bdiet tara naqra' atteggjament stramb da parti tal-konvenuta, partikolarment meta infurmatha li kienet se tizzewweg binthom riedet tnizzel id-data biex izzomm id-data libera u kienet innutat ukoll li meta kienet tkun ghandhom biex taghmel xagharha ghand bintha, kienet kontinwament fuq il-mobile tibghat il-messaggi.

Mhux ikkontestat ukoll mill-konvenuta li meta marru Ruma, kienet tiltaqa' ghall-kafe' filghodu ma' GH, minkejja li tghid li kienet offriet lil kulhadd peress li ma kienx joghgobha l-breakfast li kien hemm fil-kunvent fejn kienu qed joqoghodu. Uliedha stess, b' mod partikolari E ighid li kellu suspett li ommu kienet qed tiltaqa' ma xi hadd peress li kienet tohrog suppost ghall-halib u kienet iddum tlett sieghat barra minflok. L-istess oht l-attur WX, tikkorrobora dan meta tghid li gieli kienet icempel biex tkellem lill-konvenuta u kienet issib lit-tfal li kienu jghidulha li ommhom kienet barra.

Il-konvenuta stess tichad li r-relazzjoni bejnha u G kienet bdiet ghall-habta ta' Settembru, 2005, izda tghid li kien hemm certu diskors bejniethom u anke tametti li meta kienu johorgu bhala koppji kienu jifthu qalbhom ma' xulxin u zwiegithom lanqas kienu jindunaw fuq xiex kienu qed jitkellmu. GH ovvjament, jaghti verzjoni simili ghal dik tal-konvenuta, ghaliex minkejja li kienu saru hbieb fl-2004, kienu saru aktar vicin wara li marru btala Ruma flimkien, Ma jichadx li kien hemm attrazzjoni bejniethom, izda minkejja li kienu in kuntatt kontinwament, ma affrontawx dawn l-emozzjoniijet u kien biss meta l-konvenuta

ddecidiet li titlaq lill-attur wara l-incident li sehh fl-10 ta’ Frar, 2006 li dahlu f’ relazzjoni.

Tispikka ukoll il-haga li GH jghid li wara li kien prezenti ghall-incident li sehh fid-dar tal-kontendenti fl-10 ta’ Frar, 2006, nduna li kien hemm problemi bejniethom u kien baqa’ jikkomunika mal-konvenuta biss.

Dawn l-fatti kollha jaghtu bizzejjed indizji u presunzjonijiet li kien hemm adulterju da parti tal-konvenuta. Jista’ jaghti l-kaz li kien hemm problemi fiz-zwieg taghhom, kif dina l-Onorabbli Qorti se jkollha cans tanalizza dalwaqt, izda mis-sena 2004 u cioe’ meta l-kontendenti saru jafu lill-konjugi H donnhom ir-relazzjoni bejniethom aggravat ruhha u l-konvenuta sabet il-wens u l-izvog taghha f’ GH li kien jaghtiha wicc u importanza, elementi li kienu nieqsin fiz-zwieg taghha mal-attur. Kien hemm kunfidenzi zejda meta wiehed iqis li kienu jkunu ghand il-kontendenti tal-anqas darbtejn f’ gimgha, kien hemm il-breakfast f’ Ruma, telefonati twal bejn il-konvenuta u G, li zgur mhux dehen ta’ nies mizzewwga lil haddiehor. Zgur li dina r-relazzjoni kienet aktar importanti minn semplici hbiberija. Meta l-konvenuta ddecidiet li titlaq ghall-habta ta’ Frar, l-istess ghamel G. Huwa dubbjuz li ma gara xejn bejniethom qabel Frar, 2006, GH ma tantx ghad idur mal-lewza u gharaf li kien hemm emozzjonjijiet li t-tnejn kienu qed jippruvaw jinjoraw, izda meta sar difficli biex joqoghdu ‘l boghod minn xulxin, l-ewwel opportunita’ li giethom hatfuha. Ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti thoss li l-konvenuta kienet responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba li kkommettiet adulterju li jmur lura sa minn Settembru, 2005.

**<u>SEVIZZI, ECCESSI U NGURJI GRAVI</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b' mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda

sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Minkejja li l-attur isemmi li l-konvenuta kienet responsabbli ukoll ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi ma gabx provi in sostenn ta' dan, ghaliex aktar emfasizza fuq l-adulterju. Il-konvenuta da parti taghha, ressqet diversi provi fuq l-hajja matrimonjali taghha u jidher car li l-attur mhux il-persuna innocenti u vvittimizzat kif jipprova jaghti x'jifhem tul il-kaz. Fl-gherusija ma tantx kien rakkommandabbli ghax kien bla xoghol u kien jixrob, kien maz-zmien li donnu beda jrabbi l-ghaqal u beda jistinka, minkejja li jirrizulta li dejjem kien biezel, Fil-fatt irnexxielu jibni negozju zghir izda li jrendi, allavolja jipprova juri li mhux il-kaz illum biex jittenta jizvija lil dina l-Qorti.

Il-konvenuta tenniet li l-attur huwa persuna perfezjonist, li ma kienx jikkomunika tajjeb maghha u kien anke jghajjarha, jinsulentaha u ma kienx isib problema jirridikolaha quddiem in-nies u kien anke jidghi hafna. Missier l-konvenuta stess ighid "***naqbel li gieli kien hemm argumenti bejn C u A fid-dar taghna. Meta wiehed ma jaqbilx ma' A, huwa jahtafha u jiksirha quddiemna u quddiem hutha…."***

Ingabu provi biex l-attur jidher bhala persuna li kien igholli lehnu u gielu anke kien igib biza' meta jghajjat. Binhom stess E iddeskriva lil missieru bhala persuna li ***"kien jiddejjaq li kien jigi u ma kienx isib l-ikel lest."*** Dan ikompli jsahhah it-tezi tal-konvenuta li l-attur kien jittrattaha bhala mara/serva li toqghod id-dar u tiehu hsieb il-familja, meta hi kienet tahdem ukoll sabiex tghin fil-finanzi. Fil-fatt, tghid li meta regghet harget tahdem wara li kellhom it-tfal, l-attur ma kienx kuntent ghax hass li postha kienet id-dar tiehu hsieb il-familja, pero' mbaghad kien riedha ggib l-istudenti u spiccat bl-ingombru hi bla ghajnuna.

Il-konvenuta kienet wisq tixtieq li jkollha naqra rispetto u mhabba minghand ir-ragel taghha u tghid li pprova jghatti n-nuqqasijiet tieghu bix-xiri ta' djamanti u gjolleria li ghaliha tant kellha dwejjaq li ma kinux jaghmlu differenza f' hajjitha.

L-incident li sehh fl-10 ta' Frar, 2006, li sussegwentement wassal lill-konvenuta biex titlaq mid-dar matrimonjali kien barra minn loku. Id-dizgwid inqala' fuq girfa li kienu ghamlu t-tfal fil-hajt, li kien ghadu kemm tbajjad. Fil-presenza tal-konjugi H, mhux ikkontestat li l-attur ghamel storbju shih u kien hemm hafna ghajjat u twerziq bejn il-koppja B. Il-konvenut tghid li giet imgieghla tinsel gharrkuptejha u tnaddaf il-hajt quddiem il-konjugi H biex b'hekk l-attur irridikolaha u zeblaghha quddiem hbiebhom, li ghazlu li jitilqu dak il-hin. Fix-xhieda taghha IH kienet stqarret illi r-reazzjoni tal-attur kienet wahda "far-fetched."

Dawn it-tip ta' reazzjonijiet kienu tipici tal-hajja matrimonjali **t**aghhom u l-konvenuta tammetti li mentalment u emozzjonalment dawn l-argumenti kontinwi u n-nuqqas ta' rispett da parti tal-attur kienu ghajjewha. Kienet ghajjiet ukoll peress li ma kinitx ikkalkolata bhala martu u kien wasal anke biex jinsisti li ma jridx testament sabiex ikun jista' jhalli kollox lit-tfal.

Il-qofol ta' dawn l-wegghat waslu fil-quccata taghhom meta, ghalkemm il-kontendenti kienu qed jippruvaw isalvaw iz-zwieg taghhom, il-konvenuta kienet irceviet telefonata minghand GH u kien irrisponda l-attur. Kien qala' pandemonju shih u peress li, b'mod gustifikat, l-attur kien irrabbjat b'mod inkontrollabbli, il-konvenuta ppruvat tiddefendi ruhha b'xkupa u spiccat wegghet lill-attur.

Ghalhekk in sintesi, jirrizulta mill-provi li l-attur ma kienx jinteressah fil-presenza ta' min kien qieghed, familjari jew hbieb intimi, jekk il-konvenuta ma kinitx taqbel mieghu jew kienet tikkuntrarjah kien jirridikolaha u jinsulentaha b'mod u manjiera li kien atteggjament ta' barra minn loku. Din il-Qorti tifhem li meta r-relazzjoni bejn il-konvenuta u GH  harget fil-berah, karattru bhal tal-attur, zgur kien se jirreagixxi b'mod aktar aggressiv u b'hafna rabja, jekk di natura huwa maghmul hekk. Il *punto sta* li fid-dawl tac-cirkostanzi meta dan l-agir isir xi haga regolari u parti mill-hajja ta' kuljum, il-parti li tigi assoggettata ghal dan kollu, tghajja u ma tibqax daqshekk toleranti, aktar u aktar meta fic-cirku jidhol terza persuna u juri l-affezzjoni u l-empatija li ma kinitx isib fil-parti l-ohra.

Ghaldaqstant, mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attur ukoll ippartecipa ghat-tifrik taz-zwieg peress li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi.

**<u>Abbuz Finanzjarju</u>**

Huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li l-abbuz finanzjarju jikkwalifika bhal ingurja gravi u ghaldaqstant, il-konvenut tikkontendi li l-attur kien ihalliha fid-dawl dwar il-finanzi taghhom. Taghrif dwar il-kontijiet bankarji ma kinitx in grad li taghti peress qatt ma kienet taf x' ghandu u mill-provi jirrizulta li qatt ma kellhom kont kongunt.

Mill-provi jirrizulta ukoll li l-accounts tan-negozju kienu jinhadmu ghab-bazi tal-ircevuti li kien johrog l-attur u dawn huwa kkonfermat mill-accountant personali tieghu QR, li sahansitra kkonferma li l-attur ma kellux cash register fil-hanut. Meta mbaghad kienu gew iffrizati l-kontijiet tieghu kien ighaddilu flus kontanti sabiex R, fil-kapacita' tieghu bhala accountant kien jehodlu hsieb il-hlasijiet dovuti.

Il-konvenuta stess stqarret li fid-dar matrimonjali kellhom safe, fejn l-attur kien uriha li kellu ammont ta' cirka €20, 000 mwarrbin. Dawn huma kollha indikazzjonijiet li l-attur di natura dominani ried jikkmanda hu ukoll ghal dak li jirrigwarda l-gestjoni tal-finanzi tal-familja.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Angela sive Lina Schembri vs Francis Schembri**:-

***"Jigi puntwalizzat ukoll li l-fatt li l-attrici kienet thalli kollox f'idejn zewgha, ma jfissirx li hu kellU dritt li jabbuza mill-fiducja taghha jew li jittratta l-gid tal-familja bhallikieku kien tieghu biss. Fil-fehma tal-Qorti dak li gara wara li l-attrici fittxet id-drittijiet taghha huwa rifless tal-mod kif il-konvenut kien dejjem jagixxi u senjatament kif kien qed jamministra l-komunjoni qabel ma nfethet il-kawza. Hu kien qed jamministra b'mod qiesu l-flus tan-negozju kienu kollha tieghu."***[58]

Dubbjuzi ukoll huma l-profit and loss accounts tal-attur u hawn taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta u dan meta wiehed iqis l-introjtu li kien qed jiddikjara u l-hlasijiet li kien qed jaghmel fl-istess zmien fuq l-overdraft. Id-diskrepanza tezisti u mhux gustifikata.

[58] Qorti tal-Appell Civili deciza fit-2 ta' Marzu, 2010.

Ghaldaqstant. dina l-Onorabbli Qorti ssib lill-attur hati ta' agir sevizzjevoli jew ingurja gravi konsiderando l-abbuz finanzjarju li l-konvenuta giet assoggettata ghalih.

**MANTENIMENT U KURA U KUSTODJA**

Peress li llum ulied il-kontendenti huma maggorenni m'hemmx lok ghal dina l-Onorabbli Qorti li tikkunsidra kwistjonjiet ta' kura u kustodja kif ukoll tal-access gialadarba dawn gew issorvolati.

L-istess jinghad ghall-hlas tal-alimenti u dan tenut kont li llum uliedhom ghandhon 'l fuq minn 23 sena, izda l-izghar wild ghadu jattendi l-Universita' u minkejja li ghadu mhux finanzjarjament indipendenti jipprovdi ghalih l-attur.
Dwar manteniment ghall-attur jirrizulta li l-introjtu tieghu huwa konsistenti u solidu u ghalhekk jezistu mezzi sufficjenti biex imantni lilu nnifsu, aktar u aktar meta l-introjtu tieghu minn negozju li jiggestixxi zgur huwa aktar minn dak li tircievi l-konvenuta minn xogholha bhala Learning Support Assistant.

**DEKADENZA**

Dina l-Onorabblii Qorti taqbel mat-tezi tal-attur li legalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 jiskatta biss kontra dak il-konjugi li jkun ta lok ghat-tifrik taz-zwieg u cioe' min ikun responsabbli l-ewwel ghal wiehed mill-addebiti a bazi ta' liema tista' tintalab is-separazzjoni. L-attur jiccita s-sentenza recenti moghtija mill-Qorti Tal-Appell Civili fis-sentenza **Sylvana Tanti pro. et. noe vs Noel Tanti deciza fil-15 ta' Lulju, 2019** fejn gie deciz hekk:-

***"L-appellant esebixxa xi ritratti mar-rikors tal-appell li skont hu jindikaw li l-appellata issa ghandha relazzjoni ma' ragel iehor. Anke jekk dan huwa minnu, il-fatt jibqa' li kien hu li kkawza t-tifrik taz-zwieg bil-komportament tieghu kif fuq imsemmi. F' dan l-aspett, ikun farrak zwieg min ikun responsabbli l-ewwel ghal wiehed mill-addebiti li l-ligi tqis bhala ragunijiet biex wahda mill-partiiet setghet titlob is-separazzjoni." (ara Tonna vs Tonna, Qorti tal-Familja, deciza fit-23 ta' Ottubru, 2015.***

Madanakollu, dina l-Qorti ma taqbilx li ma kienx hemm adulterju kommess da parti tal-konvenuta ghar-ragunijiet kif spjegat qabel u ghalhekk per konsegwenza ma tistax taqbel mar-ragunar tal-konvenuta li gialadarba telqet ma' ragel iehor minhabba s-sevizzi, u ingurji gravi da parti tal-attur id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 ghandhom jigu applikati kontrih biss. Il-konvenuta hija responsabbli daqs kemm huwa responsabbli l-attur f'ghajnejn din il-Qorti, It-tnejn li huma kkontribixxew ghal din is-separazzjoni. Fuq bazi ta' probabilita' jirrizulta li l-attur kien irrenda ruhu hati ta' sevizzi u ngurji, pero' dan l-agir bl-ebda mod ma jiggustifika li ghandu jsir adulterju, ghax fl-ahhar mill-ahhar is-separazzjoni per se tirrikjedi li l-obbligu ta' fedelta' dejjem ghandu jigi osservat. Oltre minn hekk, il-konvenuta waslet biex tibda relazzjoni ma' GH ghax kienet imdejjqa fiz-zwieg taghha u peress li l-adulterju kommess huwa l-effett u konsegwenza ta' agir abbuziv, l-addebiti huma allaccjati wahda mal-ohra u konsegwenza wahda tal-ohra u ghalhekk huwa difficli biex wiehed jiddetermina minn verament ikkawza t-tifrik taz-zwieg meta l-kontendenti huma komplici.

Ghaldaqstant, l-Artikolu 48 ghandu jigi applikat fil-konfront taz-zewg konjugi.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Dwar l-kontenut tal-komunjoni hemm qbil bejn il-partijiet li tikkonsisti fis-segwenti:-

i) **Dar matrimonjali numru 15, Triq Alessio Xuereb, San Gwann li giet stmata b' valur ta' €360,000 mill-Perit Alan Saliba.**

Dina l-proprjeta' immobbli ghandha tinbiegh ghall-prezz ta' €360, 000 liema prezz ghandu jigi vvarjat wara li tkun ghaddiet sena u l-post ikun ghadu ma nbieghx. Ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet jew alternattivament jekk l-attur jixtieq jibqa' jghix hemm ghandu jhallas in-nofs indiviz tal-istess post lill-konvenuta.

ii) **Mahzen numru 28, Triq il-Mekkanika, Mriehel b'valur skond il-Perit Alan Saliba ta' €490,000.**

L-istess mahzen jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u peress li l-attur insista li dan hu post importanti ghan-negozju tieghu ghaliex huwa hawn li jhalli l-materjal li jimporta dina l-Qorti tifhem li jixtieq li jigi assenjat lilu. B' danakollu jibqa' l-fatt li gialdarba huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta hija intitolata ghal sehemha. Ghaldaqstant, l-attur ghandu jaqbel li jinbiegh dan il-mahzen u r-rikavat jinqasam bejniethom jew alternattivament, l-attur ihallas sehemu lill-konvenuta jew l-istess sehem jigi saldat bid-dar matrimonjali li ghandha f'tal kaz tigi assenjata nterament lill-konvenuta.

iii) **Ghamara/mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali**

Il-kontendenti qed jaqblu li l-ghamara u l-mobbli li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali skond ma tnizzel ukoll fil-mandat ta' deskrizzjoni, dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

### iv) L-avvjament/profitt tan-negozju tal-attur

Il-konvenuta qed tippretendi li dina l-Onorabbli Qorti tassenjalha sehemha mill-avvjament tan-negozju li jiggestixxi l-attur u li twaqqaf fiz-zwieg. L-attur qed jopponi ghal dina l-pretenzjoni.

Huwa minnu li l-attur ma tantx ta lil martu soddisfazzjon ta' x' kien irendi dan in-negozju u kien jiggestih b'tali mod u manjiera li ma jidhirx verament il-qliegh, izda huwa fatt ukoll li l-konvenuta kkomettiet adulterju f'ghajnejn il-ligi, li huwa l-aktar addebitu serju li jista' jwassal ghas-separazzjoni bejn koppja. Konsegwentement, dan m'ghandux ighaddi minghajr ma tinghata l-importanza mehtiega. Ghalhekk, tkun haga gusta jekk l-attur biss jibqa' jiggestixxi n-negozju minghajr ma tinghata sehemha mill-avvjament jew mill-profitti.

L-attur qed jippretendi ukoll li jithallas tad-dejn li hallas fuq l-overdraft li kellhom mal-Bank of Valletta plc. Il-konvenuta topponi ghal dina l-pretensjoni, primarjament ghaliex hi qatt ma kienet taf x'inhu jhawwad u jinnegozja l-attur. Kien imexxi kollox hu.  Huwa minnu ukoll li fiz-zmien li l-konvenuta telqet mid-dar, l-attur ma kienx baqa' jhallas l-overdraft u sahansitra fi zmien tlett xhur dan l-overdraft tela' minn €37, 209.98 ghal €67, 087.51. Sar b'mod intenzjonali jew b'mod vendikattiv, il-fatt jibqa' li l-attur akkumula ammont ta' dejn li kien kwazi d-doppju mill-profitt net irraportat minnu li huwa jaqla' f'sena shiha. Dan l-agir tal-attur ma jistax ma jitqiesx bhala agir irresponsabbli u rragonevoli u konsegwentement mhux att normali ta' gestjoni ta' negozju.

Fis-sentenza fl-ismijiet A vs B, il-Qorti kienet assenjat lir-ragel id-djun akkumulati minnu fil-gestjoni tan-negozju tieghu, ghaliex kienet sabet illi l-

akkumulazzjoni ta' dan id-dejn minnu kienet tissarraf f'gestjoni rresponsabbli tan-negozju da parti tieghu.[59]

Ghalhekk tenut ta' dan, il-hlasijiet li saru mill-attur fuq l-overdraft m'ghandhomx jinqassmu mal-konvenuta u l-bilanc ghandu jibqa' jithallas mill-attur.

**iv) Kontijiet bankarji u poloz ta' assikurazzjoni/investimenti**

Jirrizula mill-assjem tal-provi li m'hemmx kontestazzjoni rigward il-kontijiet bankarji, il-poloz ta' assikurazzjoni kif ukoll l-investimenti mal-Malta Government Bond Fund. Il-kontijiet ghandhom jibqghu tal-konjugi li taghhom huwa proprjetarju.

Filwaqt li l-poloz u l-investimenti ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**v) Vetturi**

Dwar il-vetturi jirrizulta li l-konvenuta qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni VNB 929 tal-marka Kia Shuma u dina ghandha tigi assenjata lilha.

Il-vettura BAF 975 Toyota Van li tinstab registrata f'isem l-attur giet *total loss* u m'ghadhiex tezisti.

**vi) Kirijiet**

Il-konvenuta ma toggezzjonax li t-titoli ta' kera fuq "Amper Garage" u "Belvedere Garage" mikrija minghand Julian Borg, jigu assenjati lill-attur.

---

[59] Sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) deciza fl-24 ta' Frar, 2005.

### vii) Qliegh mil-likwidazzjoni tas-socjeta' ASMM Limited

Din is-socjeta' kienet twaqqfghet mill-attur u NO biex jizvillupaw u jbieghu appartamenti, li effettivament kollha nbieghu u d-dejn ezistenti fuq l-istess kumpanija kien gie saldat. Meta mbaghad giet likwidata dina l-istess socjeta', l-attur ghamel qliegh ta' €28, 315. Il *fatto sta* pero' li l-ishma li jappartjenu lill-attur jappartjenu ukoll lill-konvenuta peress li din il-kumpanija twaqqfghet fiz-zwieg u ghalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tithallas is-sehem taghha u cioe' s-somma ta' €14, 157.50.

### viii) Dejn dovut lil Mirage Holdings

Mill-assjem tal-provi rrizulta li kien hemm dejn ezistenti ma' Mirage Holdings Limited, liema ammont kien dovut fuq appliances li hemm fid-dar matrimonjali. Jirrizulta li hemm bilanc ta' €7035.14, liema ammont ghandu jinqasam bejn il-kontendenti.

## DIVORZJU

Illi l-kontendenti talbu li l-proceduri ta' separazzjoni jinbidlu f'divorzju u dina kienet giet deciza b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta b'sentenza datata 22 ta' Novembru, 2013.[60]

Ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

[60] Ara fol. 529 tal-process.

1. Tilqa' l-ewwel talba u taghmel referenza ghas-sentenza ta' divorzju deciza minn dina l- Qorti kif diversament preseduta fit-22 ta' Novembru, 2013 u tiddikjara li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, filwaqt li tilqa' l-ewwel kontro-talba tal-konvenuta u tiddikjara li l-attur irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi u ghalhekk tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet talba u tat-tieni u it-tielet kontro-talba tal-konvenuta u dan stante li llum ulied il-kontendenti huma maggorenni.

4. Tichad ir-raba' talba ghar-ragunijiet suesposti u r-raba' kontro- talba tal-konvenuta.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u l-hames kontro-talba tal-konvenuta.

6. Tilqa' s-sitt talba u s-sitt kontro-talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz, okkorrendo bin-nomina tal-Perit Godwin Abela u n-nutar Ian Spiteri, jekk ikun opportun, ghall-pjan tal-qasma.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

9. Tilqa' is-seba' kontro-talba tal-konvenuta.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu f' sehem indaqs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony. J. Vella**

**Deputat Registratur**